-

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

[Nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru 2019]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jessica Borg – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Id-D.S.E irċieva emajl mingħand is-sinja. J.Borg li kellha ssiefer dakinhar tal-laqgħa. Qal ukoll illi l-kunsillier J.Cardona bagħat emajl biex javza li mhux se jkun jista jattendi minħabba x-xogħol.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 B'referenza għal punt 7.2.2 id-D.S.E qal illi l-evalwazzjonijiet għadom ma sarux. Żied illi l-kuntratturi eżiztenti ma jistawx ikomplu jitħallsu.

**Il-kunsillier Shaun Farrugia daħal għal ħabta ta' 5.45pm**

7.2.2 B'referenza għal punt 7.3.2 is-Sindku qal illi l-flus se tintuza għas-sound tal-pageant, kif ukoll għal kunċert.

7.2.3 B'referenzqa għal punt 7.3.3 il-kunsillier A.Zammit għandu jibgħat id-dettalji tal-V/O.

7.2.4 B'referenza għal punt 7.3.5 id-D.S.E qal illi l-problema rigward it-tender tal-ġnien dejjem kienet illi kemm ilha li skadiet, kien hemm l-idea li se ssir il-proġett tal-Marina, kif ukoll l-upgrade tal-ġnien. Fl-aħħar sentejn għadom ma sarux ix-xogħolijiet u l-kwistjoni dejjem kienet biex it-tender il-ġdida tkun waħda addattata għal 'layout' tal-ġnien. L-ELC se jkomplu jaħdmu izda dan ma jfissirx illi għandna kuntratt magħhom u se jsiru arranġamenti biex toħroġ tender mingħajr ma nistennew illi jibdew ix-xogħolijiet tal-Marina

7.2.5 B'referenza għal punt 7.6.4, il-kunsilliera għandom jiltaqaw mall-Każini u jiġu ppreparati sal-laqgħa li jmiss.

7.2.6 B'referenza għal punt 7.6.9 il-kunsillier N.Chetcuti staqsa jekk hemm update rigward il-karozza. Id-D.S.E qal illi kien fetaħ claim għall-inċidenti ta' qabel izda ma kienx parti mill-Kunsill meta kien hemm l-inċident il-ġdid. Żied illi ma rċieviex l-informazzjoni li hemm bzonn għal claim waqt illi claims għandom isiru f'temp ta' inqas minn ġimagħtejn. Il-karozza trid tintbagħat għal manutenzjoni.

7.2.7 Il-kunsillier A.Zammit ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 7.3 Korrespondenza mas-Sindku

7.3.1 Ma kien hemm l-ebda korrespondenza.

## 7.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

7.4.1 Id-D.S.E qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

## 7.5 Rapporti

7.5.1 Id-D.S.E qal illi la ma sarux l-evalwazzjonijiet tat-tenders m'hemm l-ebda rapporti biex jiġu diskussi. Żied illi jekk il-kunsilliera jixtiequ jkunu jafu kif għandom jagħmlu dan ix-xogħol, wieħed jista japplika għall-kors li tkun ta' benefiċċju għalihom u għall-Kunsill.

## 7.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

7.6.1 Segretarju Eżekuttiv: Id-D.S.E qal illi l-unika persuna li applikat bagħtet biex tgħid illi ma kinitx interessata fl-irwol u b'hekk ħarġet sejħa oħra li tagħlaq fl-ewwel ġimgħa tas-sena l-ġdida.

7.6.2 Id-D.S.E qal illi l-kunsillier J.Cardona tilef il-kawza li kellu kontra l-kuntrattur illi kien ipprova jattakaħ sena ilu għax ma kienx hemm bizzejjed evidenza.

7.6.3 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm updates rigward l-iskeda tat-tindif madwar il-lokalita. Fuq dan il-punt is-Sindku qal illi bħala Kunsill kienu ddeċċiedew illi se jqassmu l-lokalita bejn id-9 kunsilliera fejn kulħadd ikollu jirraporta fuq l-area partikolari tiegħu. Qal illi din għanda tinkludi issa.
Fuq il-punt tal-knis il-kunsillier A.Zammit qal illi l-Contracts Manager għanda tara li qed isir ix-xogħol. Id-D.S.E qal illi hia waħda mir-responsabbilitajiet tal-Contracts Manager, izda l-ewwel hemm bzonn isir l-evalwazzjoni tat-tender.

7.6.4 Il-kunsillier S.Farrugia staqsa meta se jsiru powerwashes madwar il-lokalita. Id-D.S.E qal illi l-aħjar titlesta ta' lista ta' ammont ta' areas illi għandom isiru ħalli l-kuntrattur iġib bowser darba. Il-kunsilliera għandom jibagħtu l-listi fejn hemm bzonn isiru powerwashes. Il-kunsillier S.Farrugia semma primarjament triq Luqa Briffa bejn il-k/m triq Turu Rizzo u triq San Ġorġ.

7.6.5 Is-Sindku qal illi l-bar tal-Housing Estate ingħata permess għall-imwejjed u siġġijiet fuq barra u li għandna nappellaw bħala Kunsill fil-fehma tiegħu. Kien hemm qbil.

7.6.6 Saru mistoqsijiet minn diversi kunsilliera dwar ix-xogħol illi qed isir fuq il-lido tal-Gzira. Waqt id-diskussjoni l-kunsilliera esprimew illi ċerti kummenti ma kellomx isiru la intqal illi mhux se jkun hemm passaġġ ta' iktar minn 2 metri meta din mhix vera. Is-Sindku qal illi x-xogħol għanda titlesta sas-sajf u ftakar illi l-permess ħareġt taħt legislazzjoni preċedenti.

7.6.7 Il-kunsillier A.Zammit staqsa x'se jiġri bid-'ducks village' ta' Manoel Island. Is-Sindku qal illi għanda tiġi relokata.

7.6.8 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi qed ikun hemm lifters kullimkien, jew inkella qed ikun hemm min jgħid illi se jkollu lifter izda jiġi bi krejn. Qal illi hemm bzonn ta' kontroll fuqhom. Id-D.S.E qal illi l-liġi qegħda ċara illi lifters huma bla ħlas, biss jekk dawn se juzaw parking space. Din toħloq problemi għalhiex meta wieħed joħroġ is-saqajn se juza parti mill-bankina jew mit-triq. Fakkar illi fil-passat

hemm min rebaħ każijiet kontra Kunsilli Lokali għax talbu l-flus għall-permess ta' lifter, waqt illi anka d-DLG bagħtu biex Kunsilli jirrifondjaw flus lill-applikanti. Fl-istess ħin qed ikun hemm abbuzi minħabba din l-ambigwita meta kulħadd se jgħid illi se jidħol fil-parking, waqt illi kulħadd jaf is-sitwazzjoni ta' infurzar hi li hi. Żied ukoll illi l-istaff għandom immexxu fuq li jgħidu n-nies waqt illi qed ikun hemm ammont ta' lifters għas-sempliċi raġuni li wara li jitlestu x-xogħolijiet, jibdew il-problemi bil-lifters biex idaħħlu l-affarijiet ġewwa kull unit. Qal illi jekk il-Kunsill jiddeċċiedi li kull applikant għal-lifter għandu jħallas għax hemm il-ħsieb illi per se kull waħda se tokkupa parti mit-triq, ir-responsabilta għanda tkun tal-Kunsill u mhux tal-istaff amministrattiv. Il-Kunsill qabel illi r-rata ta' €10 ta' Legal Notice 154/2015 għall-makkinarju t'inqas minn 10 sqr. Mtrs. Tapplika għal kull lifter.

7.6.9 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm bzonn ineħħu l-parking ta' parti ta' Gzira road, fejn it-triq tidjieq. Is-Sindku qal illi jekk hemm bzonn jitneħħew il-parti kollha t'isfel minn triq Empire Stadium sax-Xatt u iridu insibu mezz biex nevitaw double parking.

7.6.10 Il-Viċi Sindku qal illi hemm Un/Loading bay għal xejn ġewwa triq Flotta ma Bouverie.

7.6.11 Il-kunsillier A.Zammit qal illi qed jitħallew il-muturi ġewwa triq Luqa Briffa u triq Tas-Sliema. Id-D.S.E qal illi ilhu jibgħat ilmenti, u ilhu jibgħat lil wardens hemm, għal zmien twil kif anka ura f'laqgħa preċendenti. Żied ukoll illi issa sid il-ħanut għamel rampa fejn wieħed faċilment jista jaqa biha bil-lejl.

7.6.12 Il-kunsillier S.Farrugia qal illi saret RESERVED ġewwa triq Stuart, ma triq ir-Rebħa, u kulħadd qed jistaqsi għalfejn. Is-Sindku qal illi ġiet approvata minn naħa ta' Transport Malta.

## 7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

7.7.1 Il-Viċi Sindku ppropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ

## 7.8 Mozzjonijiet

7.8.1 Il-kunsillier A.Zammit ressaq għall-approvazzjoni mozzjoni biex jiġu approvati l-attivitajiet tas-sena 2020. Il-lista t'attivitajiet hija meħmuza mall-Minuti. Il-mozzjoni kienet issekondata mill-kunsilliera J.Borg. Il-kunsillier A.Zammit qal illi dawn l-attivitajiet kollha għandom jiswew madwar €20,000-€21,000 fejn hemm fondi li għandna nirċievu għal UCD. Il-Kunsill approva.

Il-kunsilliera J.Borg, illi kienet skuzata mil-laqgħa, bagħtet mozzjoni rigward Summer Festival 2020. Il-mozzjoni kienet issekondata mill-kunsillier A.Zammit. Saret proposta biex nespandu l-attivita u li jkun hemm infieq ta' €4,000. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

## 7.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

7.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2020 fil-5.30pm

Konfermati, illum 21 ta' Jannar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |